MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Numru 973/2004

PULIZIJA
SPETTUR CARMEL ABDILLA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
SAMUEL BORG

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Samuel Borg ta' 17 il-sena imwieled Pieta nhar l-10 ta' Settembru 1986 bn Ronald u Rita nee Ellul residenti Blokk Indipendenza Entratura E Flat 8, Taz-Zwejt San Gwann detentur ta' karta tal-identita numru 434286M talli nhar id-9 ta' Novembru 2004 ghal habta ta' 11.00am kkommetta serq ta' accessorji tar-ramm mill-fond kummercjali Blye Engineering Co Ltd li jinsab gewwa Triq in-Nasxar San gwann ghad-dannu ta' Marienne Abela minn San Gwann, liema serq huwa aggravat bil-mezz, u bil-valur u dan ai termni tal-artikoli 261, 263, 264, 267 u 278 u 280 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli nhar id-9 ta' Novembru 2004 xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Qorti imposti fuqu nhar it-8 ta' Gunju 2004 b'sentenza definittva moghtija mlll-Magistrat Giovanni Grixti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokujmenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 267, 278, 280 u 334 tal-kap 9 u Art 23 tal-kap 446 u tikkundannah ghal tmintax il-xahar prigunerija.

Il-Qorti fil-konsiderazzjoni taghha dwar il-piena giet infurmata illi l-imputat jinstab dipendenti hafna fuq id-drogi eroina u li ma kienx kapaci jidhol u jikkompleta programm ta' rabilitazzjoni kontra id-drgoa min rajgh.

Illi ghaldaqstant u mehud in konsiderazzjoni u l-ksur ta' probation timmilita kontra konsiderazzjoni ta' piena ohra ghajr dik ta' inkarcerazzjoni, tikkundanna lill-imputat ghal perjodu ta' prigunerja ta' tmintax il-xahar waqt li tirrakomanda bil-qawwa li dan il-guvnott jinghata l-opportunita jsegwi programm ta' riabilitazzjoni kontra drogi minn hdan il-Facilita Korrettiva tal-Habs. Inoltre tirrakomanda bil-qawwa li l-perjodu ta' disintoksifikazzjoni jsehh fl-isptar Monte Carmeli sabiex l-imputat jkun jista jikseb it-trattament medkali li jkollu bzonn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------